



Brussell, 28 ta' April 2023
(OR. en)

8675/23

JEUN 77
SOC 278

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Niżguraw l-inklużjoni taż-żgħażaġh fis-soċjetajiet tal-UE: Niffukaw fuq l-inklużjoni taż-żgħażaġh Ukreni - <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Wara konsultazzjoni tal-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar iż-Żgħażaġħ, il-Presidenza ħejjiet id-dokument ta' sfond meħmuż, imressaq bħala l-bażi għad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport tal-15 u s-16 ta' Mejju 2023.

Niżguraw l-inklużjoni taż-żgħażaġh fis-soċjetajiet tal-UE:

Niffukaw fuq l-inklużjoni taż-żgħażaġh Ukreni

Waħda mill-prijoritajiet tematiċi tad-disa' ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ kienet l-Għan tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ #3, "Soċjetajiet Inklużivi". Dan l-għan jenfasizza diversi imperattivi ta' inklużjoni soċjali, bħar-rikonoxximent taż-żgħażaġh li jiffaċċjaw diversi forum ta' diskriminazzjoni, l-aċċess ugwali taż-żgħażaġh għall-apprendiment formali u mhux formali, kif ukoll il-ħidma biex titwassal informazzjoni liż-żgħażaġh emarġinati. L-Għan dwar iż-Żgħażaġħ #3 jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu pprovduti aktar spazji, opportunitajiet u riżorsi biex tiżdied l-inklużjoni taż-żgħażaġh u biex jitrawmu d-djalogu u l-koeżjoni soċjali, waqt li fl-istess ħin jiġu miġġielda d-diskriminazzjoni u s-segregazzjoni. It-tliet sisien tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ - *impenn, setgħa*, u *konnessjoni* - huma oqsma ta' prijorità fundamentali għall-isforz biex nabilitaw u niżguraw l-inklużjoni taż-żgħażaġh kollha fis-soċjetà.

Iż-żgħażaġh bħalissa m'għandhomx opportunitajiet indaqs fis-soċjetajiet Ewropej. Skont id-data tal-Eurostat, fl-2021 kwart (25.3 %) taż-żgħażaġh fl-UE kienu friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali. Meta jitqiesu l-etajiet kollha, il-proporzjon kien inqas, bi ftit aktar minn persuna kull ħamsa (21.7 %)¹. Iż-żgħażaġh li jgħixu f'ċirkostanzi ekonomiċi diffiċli, waħedhom jew mal-ġenituri tagħhom, huma aktar pessimisti dwar il-kapaċità tagħhom li jagħmlu differenza fil-biċċa l-kbira tal-oqsma tal-ħajja. Nuqqas ta' inklużjoni jwassal għal sens ta' appartenenza aktar baxx kif ukoll inaqqas il-fiduċja fl-istituzzjonijiet. It-tfassil tal-politika għandu r-responsabbiltà li joħloq ambjenti sikuri għall-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh mill-partijiet kollha tas-soċjetà, u speċjalment għal dawk b'inqas opportunitajiet. Kwistjonijiet ta' saħħa mentali u s-solitudni huma wkoll fatturi li jistgħu jikkoinċidu u jostakolaw l-inklużjoni soċjali. Dawn il-kwistjonijiet ġew amplifikati mill-pandemija tal-COVID-19, li kellha, u għad għandha, implikazzjonijiet kbar għaż-żgħażaġh Ewropej. L-aċċess mhux ugwali għad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet soċjali għaż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet, pereżempju inqas aċċess għall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa, sar saħansitra aktar evidenti matul il-pandemija.

¹ Iż-żgħażaġh fl-Ewropa — sommarju statistiku — edizzjoni 2022

Barra minn hekk, minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, ħafna żgħażaġh Ukreni issa huma spostati temporanjament fl-UE, u qed jgħixu f'inċertezza dwar il-futur tagħhom. L-ċittadini Ukreni sofrew il-konsegwenzi ta' gwerra fuq skala kbira, trawma, u spostament fuq skala u pass li ma rajniex mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn. Kważi 4 miljun ruħ mill-Ukrajna qed jingħataw protezzjoni temporanja fl-Unjoni Ewropea, ħafna minnhom huma tfal u żgħażaġh. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tattiva d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja tagħti liż-żgħażaġh, fost drittijiet oħra, aċċess għal impjiegi, akkomodazzjoni, ħarsien soċjali u kura medika. Barra minn hekk, id-direttiva tagħti d-dritt għall-edukazzjoni liż-żgħażaġh taħt l-età ta' 18-il sena.

Il-finanzjament mill-UE jiġi mobilizzat ukoll permezz ta' Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà biex jappoġġa lill-persuni Ukreni li qed jaħarbu wara l-invażjoni fuq skala kbira mir-Russja. Il-Programm ta' Ħidma tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għall-2023 jinkludi sokkors għal persuni li qed jaħarbu minn konflitti armati u vittmi oħra ta' diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem bħala priyorità tematika ġdida għall-azzjoni ċentralizzata tal-programm "timijiet ta' volontarjat f'oqsma ta' priyorità għolja". Il-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ jagħti wkoll informazzjoni Prattika dwar id-drittijiet u l-għażliet ta' appoġġ għaż-żgħażaġh li ġejjin mill-Ukrajna.

Filwaqt li qed isir ħafna xogħol fl-UE għan-nies li qed jaħarbu mill-gwerra, eluf ta' żgħażaġh mill-Ukrajna jinsabu f'sitwazzjoni fejn ikollhom jibdew haġja ġdida f'pajjiż ġdid. Għal ħafna, din hija sfida li jkollhom jegħlbu mingħajr l-għajnuna tal-familja jew tal-ħbieb. L-appoġġ għal dawn iż-żgħażaġh permezz ta' aċċess għall-edukazzjoni u l-impjieg, flimkien ma' attivitajiet ta' divertiment u sens ta' komunità, huwa ħaġa urġenti.

L-UE għandha tiżgura li ż-żgħażaġh ikollhom aċċess għad-drittijiet tagħhom skont id-dikjarazzjonijiet u l-konvenzjonijiet internazzjonali. Iż-żgħażaġh Ewropej kollha għandu jkollhom kundizzjonijiet ta' għajxien tajbin, prospettivi ta' impjieg u s-setgħa li jsawru ħajjithom. Din tal-aħħar tinkludi wkoll il-possibbiltà li jinfluwenzaw it-tfassil tal-politika u l-iżvilupp tas-soċjetà. Madankollu, biex nifformulaw l-aħjar politiki possibbli, jeħtieġ inżommu f'moħħna li l-grupp li niddefinixxu bħala "żgħażaġh" hu magħmul minn għadd kbir ta' identitajiet. Gruppi differenti ta' żgħażaġh għandhom kapaciċitajiet, ħtiġijiet, opinjonijiet, riżorsi u interessi differenti. Għalhekk, hemm sfidi u opportunitajiet differenti li jridu jiġu ffaċċjati u kkunsidrati. Minħabba f'hekk, l-indirizzar ta' kwistjonijiet bħal dawn jitlob approċċ komprensiv u l-iżvilupp ta' azzjonijiet inklużivi u parteċipattivi. L-esklużjoni soċjoekonomika u dik demokratika jimxu id f'id, u dawn huma konsegwenzi li l-Ewropa ma tistax taffordja li taċċetta. Biex tinħoloq Ewropa għaż-żgħażaġh kollha, l-aspetti kollha msemmija hawn fuq iridu jiġu kkunsidrati. L-inklużjoni tiġġenera l-fiduċja.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Ministri huma mistiedna jirriflettu dwar il-mistoqsijiet li ġejjin (l-interventi huma limitati għal mhux aktar minn tliet minuti):

1. Meta nitkellmu dwar l-inklużjoni taż-żgħażaġh kollha madwar l-UE, irridu nżommu f'moħħna l-eteroġeneità tal-grupp "żgħażaġh". Kif għandna nindirizzaw dan meta nifformulaw politiki għaż-żgħażaġh kollha fl-Istati Membri tagħna u fil-livell Ewropew?
2. F'pajjiżek, x'eżempji tajbin hemm ta' żieda fl-inklużjoni ta' żgħażaġh b'inqas opportunitajiet fis-soċjetà u fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali?
3. F'pajjiżek, x'eżempji tajbin hemm tal-iżgurar tal-inklużjoni soċjali ta' żgħażaġh spostati temporanjament mill-Ukrajna?